# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 295/98 SM**

**Johnny Baldacchino**

**vs**

**FRD Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; L-ATTUR PROMOTORJU**

1. B'avviz prezentat fit-18 ta' Frar 1998 l-appellant talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tikkundanna lill-appellat ihallas is-somma ta' Lm272.14 dovuta bhala refuzjoni ta' somma flus imhallsa indebitament mill-appellant lill-appellat u dan peress li merkanzija mibjugha lil-appellant mill-appellat giet konfiskata mill-Awtoritajiet Kompetenti ; bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u tac-cedola ta' depozitu kontra l-appellat ingunt ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-INTIMAT**

2. L-appellat eccepixxa :-

- In-nullita' tat-talbiet attrici stante li jikkostitwixxu "res judicata" fil-konfront ta' dik il-Qorti.

- Is-somom in kwistjoni ma thallsux indebitament stante li l-istess attur gie kkundannat ihallas din is-somma skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet FRD Limited vs Johnny Baldacchino avviz numru 1998/97 DM. Illi meta somma tithallas minn persuna li tkun giet regolarment ikkundannata li thallasha, qatt ma jista' jinghad li ma tkunx dovuta.

- Fi kwalunkwe kaz l-attur ma jistax jiddeduci talbiet a bazi tal-merkanzija mibjugha lilu stante l-preskrizzjoni.

- Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza moghtija fit-12 ta’ Dicembru 2000, il-Qorti tal-Magistrati ddecidiet din il-kawza billi cahdet it-talbiet ta’ l-appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-APPELL TA’ L-ATTUR**

4. L-attur hass ruhu aggravat b’din is-sentenza u interpona appell minnha.

Illi l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti apparentement naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti u konsegwentement waslet ghal konkluzjoni errata.

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza fil-qosor huma s-segwenti:-

- L-appellant kien xtara minghand l-appellat diversi oggetti partikolarment drinks u merkanzija ohra ta’ l-istess natura.

- Ta’ dawn l-oggetti mibjugha lilu l-appellant hallas wara li saret kawza kontra tieghu u li fiha hu kien kontumaci. Il-hlas tal-merkanzija flimkien ma’ l-imghax u l-ispejjez tal-kawza sar permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 363/98.

- Illi din il-merkanzija mibjugha lilu mhallsa mill-appellant giet konfiskata mill-Kontrollur tad-Dwana waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess ta' l-appellant. Il-konfiska u elevazzjoni saru minhabba li l-appellat ma kienx hallas il-levy fuq dik il-merkanzija.

- Illi kull promessa da parti ta' l-appellat li jirrimedja s-sitwazzjoni ma wasslet imkien u ghalhekk saret din il-kawza.

Illi l-ewwel Qorti fil-kotivazzjoni tas-sentenza jidher li bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li ma nhargitx ricevuta tal-merkanzija konfiskata u li konsegwentement ma ngabux provi sufficjenti biex juru li l-merkanzija giet konfiskata.

Illi fil-kors tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti l-appelant ressaq lill-Kontrollur tad-Dwana bhala xhud. Fil-fatt fis-16 ta' Settembru 2000 xehed Joseph Farrugia in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana. Dan ix-xhud qal li fit-18 ta' Mejju 1995 id-Dipartiment tad-Dwana kkonfiska mill-hanut Market de Paris (il-hanut ta' l-appellant) xi oggetti li kien hemm fil-hanut. Qal ukoll li l-konfiska saret minhabba li l-impurtatur (cioe' l-appellant) ma hallasx il-levy. L-istess xhud prezenta kopja ta' l-ircevuta datata 18 ta' Mejju 1995 bhala prova tal-konfiska. Dan id-dokument jinsab esebit fl-atti tal-kawza.

Illi in vista ta' din ix-xhieda u tad-dokument esebit mir-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana m'ghadu jezisti l-ebda dubbju li l-allegazzjoni ta' l-appellant li l-merkanzija mibjugha lilu mill-appellat giet konfiskata u elevata. Ingabet l-ahjar prova f'dan ir-rigward cioe' il-konferma tal-persuna li effettwat il-konfiska u l-evalwazzjoni.

Illi t-talba ta' l-appellant li jigi rifuz is-somma li hallas u cioe' Lm272.14 (li jirraprezentaw Lm175 prezz tal-oggetti lilu mibjugha, Lm40.79 imghax legali u Lm56.35 spejjez gudizzjarji). Din it-talba hija bazata fuq il-fatt li la darba l-oggetti lilu mibjugha u minnu mhallsa gew elevati mill-Awtoritajiet Kompetenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-appellant, dak l-ammont imhallas ghandu jigi rifuz lill-appellant.

Ghaldaqstant l-attur appellant talab li l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**IR-RISPOSA TAL-APPELL TA' FRD LIMITED**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza appellata hi wahda sostanzjalment gusta u korretta u timmerita ghalhekk li tigi konfermata, b'dana li l-appellata tippreciza dak li gej :-

Preliminarjament illi whud mill-fatti kif dikjarati mill-appellant fin-nota tieghu huma sostanzjalment skorretti fil-ligi u ghandhom ghalhekk jigu ccarat. Dwar dan il-punt l-appellat umilment jirrileva li l-premessi attrici huma fil-fatt sostanzjalment zbaljati billi l-attur fil-fatt qatt ma hallas l-ammont reklamat fic-citazzjoni. Interpellat ghall-hlas, u qabel ma nfethet din il-kawza, l-appellant qabad u ddepozita s-somma mitluba fil-Qorti u ppretenda li jorbot l-istess b'mandat ta' sekwestru. **L-appellant qatt ma offra l-pagament lill-kumpanija FRD Limited u minflok qabad iddepozita l-istess il-Qorti**. Il-kumpanija appellata umilment tissottometti li tali procedura ma tikkostitwiex hlas ghall-effetti u finijiet tal-ligi billi qatt ma saret l-offerta tal-hlas. Kieku saret l-imsemmija offerta il-kumpanija appellata kienet taccettaha izda din ma saritx. Illi ghalhekk bhala forma ta' pagament ic-cedola hija invalida.

Illi inoltre l-appellat joggezzjona ghal dik il-parti tar-rikors tal-appellant fejn jinghad li *"illi kull promessa da parti ta' l-appellat li jirrimedja s-sitwazzjoni ma wasslet imkien u ghalhekk saret din il-kawza".* Bir-rispett kollu din hi allegazzjoni frivola u ma hijiex soretta mill-provi. Kif jirrizulta mill-atti is-Sur Carmelo Dingli, direttur tal-kumpanija FRD Limited kien dejjem jitlob li s-Sur Baldacchino jurih xi prova li l-oggetti kienu gew

maqbuda kif allegat. Fil-fatt l-appellant qatt ma gab xi dokument in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu u kien ghalhekk li l-kumpanija wara diversi interpellazzjonijiet ma kellhiex triq iehor ghajr li tipprocedi bil-Qorti ghall-gbir tal-kreditu taghha, haga illi ghamlet permezz tal-avviz fl-ismijiet FRD Limiterd vs Johnny Baldacchino (avviz numru 1998/97 DM).

Illi fil-fatt l-ewwel Qorti ma kienitx konvinta mill-fatti kif esposti mill-appellant, liema allegazzjonijiet fil-fatt qed jergghu jigu riproposti mill-appellant fin-nota tal-appell tieghu ;

Illi fil-proceduri promossi quddiem il-Qorti tal-Magistrati mill-kumpanija attrici (avviz numru 1998/97 DM) l-esponenti talbu l-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltin, prezz ta' merkanzija mibjugha lill-appellant. Fil-kontumacja tal-appellant, l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet dik il-kawza billi kkundannat lill-appellant odjern ihallas is-somma premessa bl-ispejjez u bl-imghaxijiet lill-esponent. Kif jingha aktar 'il fuq, interpellat biex ihallas, l-appellant ghazel, minflok, li jiddepozita l-flus il-Qorti. Sussegwentement ippropona din il-kawza.

**F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jithallas ammont ta' flus li hu jghid li hallas indebitament**. Hi l-umli tezi tal-esponent li din il-kawza hi proposta malament billi fil-fatt l-attur ma hallas xejn indebitament.

Dan, del resto, kif irrizulta mill-ewwel Onorabbli Qorti, u kif ser jigi spjegat brevement f'din in-nota.

Effettivament il-kawzali attrici tibbaza ruhha fuq is-sentenza moghtija kontra l-istess attur mill-Qorti tal-Magistrati. **Ghalhekk gia' hemm sentenza (1998/97) li tghid li l-appellant ghandu jhallas il-prezz tal-merkanzija in kwistjoni lill-esponent, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra tieghu. F'dik il-kawza l-appellant kien gie kkundannat ihallas ammont ta' flus. B'dan is-semplici fatt, kif jista' l-appellant jghid li jhallas xi ammont indebitament?** Apparti l-fatt li ma sar l-ebda hlas, ma jistghax jinghad li l-hlas li jsir in forza ta' sentenza huwa mhallas indebitament. **Is-somma in kwistjoni hi dovuta in forza ta' sentenza tal-Qorti**. Hi l-umli sottomissjoni tal-esponent li ma hemm l-ebda kwistjoni ta' xi hlas indebitu.

Wiehed jista' jaghmel ukoll riferenza ghall-ispejjez tal-kawza originali li huma u jibqghu fi kwalunkwe kaz dovuti. Illi l-fatt li l-appellant f'dik l-ewwel kawza baqa' kontumacji ma jghinu xejn ghaliex dan kien tort tieghu unikament. Kif jista' jippretendi li jigbor dawn l-ispejjez minghand l-esponent? Dawn l-ispejjez ma ghandhom x'jaqsmu xejn mar-relazzjoni kontrattwali ta' bejn il-partijiet imma huma rizultat biss tas-sentenza moghtija kontra l-appellant fil-kawza 1998/97 DM.

Illi bil-kawza premessa l-appellant qieghed jittanta jiehu rimedju li l-ligi ma taghtiehx.  L-appellant seta' appella mill-ewwel sentenza u in via straordinarja seta' wkoll jipprova jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza.  Minflok ma hi t-triq li taghtih il-ligi l-appellant ghazel li jipproponi din il-kawza.

Illi ghalhekk is-sentenza appellata hu korretta billi :-

(a) L-ammont riklamat huwa effettivament dovut in forza ta' sentenza finali u ezekuttivita tal-Qorti tal-Magistrati ;

(b) Il-flus in kwistjoni qatt ma thallsu lill-esponent u ghalhekk il-kwistjoni ta' rifuzjoni ma tirrizultax ;

(c) Parti mill-ammont riklamat jinvolvi l-ispejjez fil-kawza citazzjoni numru 1998/97 u ma ghandu x'jaqsam mal-merkanzija mibjugha.

Illi l-esponent qieghed javalixxi ruhhu minn din in-nota biex jeccepixxi l-preskrizzjoni u dan fis-sens li kwalsiasi talba ghal rifuzjoni illi l-attur seta' jaghmel a bazi ta' xi difett fil-merkanzija mibjugha hi preskritta u dan a tenur tal-artikolu **1431** tal-Kodici Civili.  Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent ghandu jirrileva li s-somma mitluba minnu hi dovuta in forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati indipendentement mill-kwalsiasi transazzjoni antecedenti.

Illi ghaldaqstant, l-appellat jissottometti umilment li din il-Qorti tal-Appell ghandha tichad l-appell interpost mill-appellant fil-kawza premess u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Illi fl-aggravju tieghu l-attur appellant adduca ragunijiet u sottomissjonijiet biex juri fejn l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi u dokumenti li gew prodotti u li, bil-maqlub ta' dak li gie deciz, kien hemm provi sufficjenti biex juru kemm kien gustifikat l-appellant fit-talba tieghu ghar-rifuzjoni ta' Lm274.14c, dovuti bhala hlas ta' merkanzija.

7. Il-Qorti tibda biex tirrileva fl-ewwel lok li kif gie impostat l-avviz promotorju, jissemmew fih fatti li mhux ezatti ghal kollox. Hekk jirrizulta invece li wara li l-attur appellant kien gie kkundannat ihallas dan l-istess somma lis-socjeta' appellata u riferibbilment ghall-istess merkanzija, liema decizjoni ghaddiet in gudikat, l-appellant minflok hallas is-sorte hekk kanonizzata, iddepozitahom taht l-awtorita' tal-Qorti u istitwixxa proceduri gjudizzjarji ghal fini ta' "rifuzjoni". Darba li l-pagament kien ghandu m'ghaddhiex lill-appellat certament ma kienitx f'lokha t-talba ghal fini ta' "rifuzjoni" imma <u>se mai</u> li huwa jkun awtorizzat jizbanka liberament is-somma li ddepozita fil-Qorti.

8. Illi, apparti l-precisazzjoni kif fuq esposta, jirrizulta mill-atti li sa mill-bidunett tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, u ghal darb'ohra quddiem din il-Qorti ta' Appell, is-socjeta' appellata eccepiet ir-"res iudicata". Illi, ghal xi raguni, l-ewwel Qorti, flok ma kkoncentrat l-ewwel fuq dina l-eccezzjoni ta' natura perentorja, dehrilha opportun li tidhol f'evalwazzjoni ta' provi, liema ezercizzju proprjament kien messhom saru fil-kawza li kienet giet originarjament istitwita mis-socjeta' appellata kontra l-attur appellant, b'ezitu u b'gudikat favorevoli ghat-talba taghha. Jirrizulta li f'dik il-kawza, l-attur odjern naqas milli jgib provi biex ixejjen it-talbiet tas-socjeta' appellata bil-konsegwenza li huwa gie kkundannat li jhallas l-ammont mitlub lill-appellat. L-attur appellant kellu l-opportunita' li jappella u seta' esplora wkoll il-possibilita' li, fil-kaz idoneu, jippromwovi kawza ta' ritrattazzjoni. Minn dan kollu huwa m'ghamel xejn. Minflok, l-appellant ghamel kawza fl-ismijiet inversi u dwar l-istess mertu meta kien hemm sentenza li ghaddiet in gudikat. Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Magistrati ma kien messha qatt qaghdet tidhol mill-gdid fuq il-provi fil-meritu stante li l-meritu mhux biss kien gja' deciz imma ghadda wkoll in gudikat. Fi kliem iehor, fic-cirkostanzi attwali ta' l-affarijiet l-attur appellant ma setax aktar jippromwovi kawza bhal dik in ezami kontra l-istess kontroparti li kienet allura gja' otteniet sentenza dwar il-meritu favuriha. Dak kollu li l-attur deherlu li kellu jressaq f'din il-kawza, kien obbligat li jipproducieh fil-kawza l-ohra. Mill-bqija m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-meritu tal-kawza huwa "res iudicata" u mhux l-kaz ta' aktar indagini,

lanqas fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata in subsidum mill-appellat. Dan ifisser li l-aggravji sollevati mill-attur appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' appellata tar-"res iudicata", tichad l-appell intavolat mill-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg